MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 129/2011

**W B**
**vs**
**Dr. Noel Bartolo u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello li permezz ta' digriet datat 21 ta' Marzu 2012 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti H B**

**Il-Qorti,**

**PREAMBOLU.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu ippremetta u talab hekk:

Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-8 ta' April 1993 u minn din l-ghaqda ma twieldux tfal;

Illi l-hajja konjugali tal-partijiet kontendenti m' ghadhiex iktar possibli u dan minhabba htijiet imputabbli lill-intimata konvenuta senjatament minhabba theddid, eccessi,

sevizzi, ingurji gravi, vjolenza, abbandun da parti ta’ l-intimata fil-konfront ta’ l-esponenti u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrimedjabilment, u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

Illi l-intimata hija ta’ nazzjonalita’ Ingliza u fl-1 ta’ Awissu 1996 hija qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali u wara li l-esponenti ghamel indagni ma’ l-awtoritajiet ikkoncernati sar jaf li l-intimata telqet minn Malta u dan minghajr ma tat ebda preavviz lill-esponenti u sal-lum l-esponenti ghadu ma jafx fejn tinsab l-intimata;

Illi l-esponenti ottjenta d-debita awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja fis-26 ta’ Marzu 2011 biex jkun jista' jipprocedi f’din l-istess istanza; u

Illi t-tentattivi kollha biex jintlahaq ftehim bonarju ma swew ghal xejn u ghalhekk kellhom jigu intavolati l-proceduri odjerni;

Ghaldaqstant u in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja okkorendo kull dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut intimat u tawtorizza lill-attur rikorrenti jghix separatament mill-konvenuta intimata;

2. Tordna u tikkundanna lill-konvenuta intimata tivversa manteniment ghall-attur rikorrenti ghalih u ghal-minuri, skond il-mezzi tal-konvenuta intimata, liema manteniment ghandu jigi likwidat u iffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

3. Tapplika kontra l-konvenuta intimata interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti

formanti mill-istess komunjoni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi stabiliti u ordnat minn din il-Qorti, liema porzjonijiet ghandhom jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lill-konvenut intimat, okkorendi bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jekk ikun il-kaz biex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6. Tordna li l-attur rikorrenti jibqa' jghix ad eskluzzjoni tal-konvenuta intimata fid-dar matrimonjali <indirizz>;

7. Tikkundanna lill-konvenuta intimata tikkonsenja lill-esponenti l-beni parafernali tieghu u tordna li l-esponenti ghandu jinghata l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;

8. Tawtorizza lill-attur rikorrenti jirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li qed tigi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Marzu 2012 li permezz tieghu innominat kuraturi deputati ghall-konvenuta assenti.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li permezz taghha issottomettew illi mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk irrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-konvenuta.

Rat li l-kuraturi deputati baqghu ma pprezentawx risposta ultejuri fil-mertu.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**PROVI**.

Mic-certifikat taz-zwieg ezebit a fol.34 jirrizulta li l-partijiet izzewgu hawn Malta fit-8 ta' April 1993.

L-attur xehed bil-mezz tal-affidavit li jinsab ezebit a fol.32. Jixhed hekk:

“Illi jiena izzewwigt lil H Mary B, dak iz-zmien kien kunjomha Holding fit-8 ta' April 1993 u qatt ma kellna tfal miz-zwieg taghna. Il-hajja konjugali taghna kienet wahda li kienet miexja b'mod normalissimu izda wara tlett snin 1i kien ilna mizzewgin u cioe fl-1 ta' Awissu 1996 hija qabdet u telqet mid-dar matrimonjali li hija l-istess indirizz fejn noqghod jiena. Id-dar fejn nghix jien hija tieghi u ta' marti, fil-fattjien u hi konna mizzewgin diga' meta xtrajtha. Din id-dar xtrajtha xaghrejn qabel ma telqet ghal dejjem minn Malta, u fil-fatt il-loan li kont inhallas fuq id-dar mal-Mid Med Bank hadtha jiena biss u hallastha dejjem jiena biss.

Fl-1 ta' Awissu 1996 il-mara tieghi qabdet u abbandunat id -dar matrimonjali u dan ghal ebda raguni partikolari. H ilha nieqsa minn Malta ghal dan iz-zmien kollu ghax telqet lura lejn l-Ingilterra minhabba li hi ta' nazzjonalita' Ingliza. Jien ili sittax (16)-il sena ma nafx fejn toqghod marti. Fil-fatt meta telqet minn Malta jien kont ghamilt rapport lill-Pulizija biex naghmel ricerka biex nara fejn qeghda u l-Pulizija kienu sabuha l-ajruport, u dik il-gurnata ta' l-1 ta' Awissu 1996 hija telqet.

Nghid illi l-Pulizija ta' Malta kienu infurmawni li ikkomunikaw mal- Pulizija Ingliza biex jaraw sabuhiex u ma jirrizulta assolutament xejn. Jien ghalhekk ninsab, mizzewweg persuna li ghosfrot ghal dejjem u ma nafx x'sar minnha, nghix f'dar li nofsha tappartjeni lill-mara meta hallast il-prezz taghha kollu jiena mal-Bank, ghalhekk inkluz anke n- nofs taghha. Fil-fatt id-dar matrimonjali tieghi hemm cens impost fuqha mit-Taqsima Propjeta' tal-Gvern u ghal issa ma nistax nifdih minhabba 1i d-dar tappartjeni nofsha lilha. Anness ma' dan l-affidavit hemm ukoll ittra legali miktuba mill-avukat tieghi datata 2 ta' Frar 2006 biex inkun nista' nifdi c-cens tad-dar jiena

biss izda s'issa din ir- rikjesta ghadha ma gietx milqugha ghax m'inhix separat legalment minn ma' marti.

Illi s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Marzu 1997 kienet laqghet it-talba tieghi li jiena nirrisjedi bi dritt esklussiv li nibqa' nabita fid- dar konjugali taghna 175 gia "Exodus Flats", Flat 6, Triq it-Turisti, Qawra, permezz ta' digriet numru 363/1997 anness ma' dan l- affidavit. Anness hawn ma' dan l-affidavit hawn ukoll verbal datat 18 ta' Marzu 1997 meta jien kont indikajt lill-Qorti li marti kienet abbandunat id-dar rnatrimonjali fl-1 ta' Awissu 1996.

Illi jiena ghadni sallum ma nafx ghaliex marti telqitni u ma halliet l-ebda tracca taghha. Nixtieq inkun naf x'gara, u ili sittax (16)-il sena ma naraha. Jehtieg illi d-dar li nghix fiha ssir kollha tieghi biex inkun nista' nifdi c-cens u eventwalment inbieghha. Wara kollox jiena hallast il-prezz taghha u, l-mara tieghi qabdet u telqet mid-dar taghna wara biss xaghrejn, jien kont xtrajtha bl-intendiment li nghixu fiha bhala koppja."

L-attur ezebixxa kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr John Gambin fil-31 ta’ Mejju 1996 li permezz tieghu l-attur u martu xtraw l-utile dominju temporanju ghaz-zmien li kien ghad fadal li beda jiddekorri fis-27 ta’ Ottubru 1978 tal-flat numru 6 formanti parti minn block ta’ flats bl-isem Exodus Flats, fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar.

**KONSIDERAZZJONIJIET**.

Mill-provi mhux kontestati imressqa mill-attur jirrizulta li z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment kagun tal-abbandun da parti tal-konvenuta.

Dwar it-talba tal-attur sabiex il-konvenuta tigi kundannata thallsu manteniment, ma ngabu l-ebda provi fir-rigward, la dwar x’inhuma l-mezzi tal-partijiet u lanqas dwar x’inhuma l-htigijiet tal-attur. Ghalhekk din it-talba ser tigi respinta.

Dwar it-tielet talba attrici sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenuta id-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 et sequitur

tal-Kap. 16 jirrizulta li z-zwieg tal-partijiet tkisser tort tal-konvenuta minhabba abbandun li sehh fl-1 ta' Awissu 1996, ezatt xahrejn wara li l-partijiet xtraw il-flat fuq imsemmi.

**Artikolu 41 tal-Kap 16.** jipprovdi illi:

*" Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.*

**Artikolu 48 tal-Kap 16** jipprovdi illi:

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*
*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*
*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku.*

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma illi ghandha tistabbilixxi d-data meta l-konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha

hi hatja tal-firda bhala l-1 ta' Awissu 1998, sentejn wara li abbandunat id-dar matrimonjali minghajr raguni valida.

Dwar ir-raba' talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti din hija konsegwenzjali ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali. Dwar il-likwidazzjoni tal-assi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, l-unika assi li rrizultaw huwa l-flat fuq deskritt li dwaru kien hemm loan li l-attur jiddikjara li hallas kollox hu.  Ma sar l-ebda kontro-ezami tal-attur u ghalhekk fin-nuqqas ta' kontestazzjoni il-Qorti qed tikkonsidra l-verzjoni tal-attur bhala veritiera u li hallas il-loan mal-bank minn fondi generati bil-hidma tieghu esklussivament.

Il-flat kien inxtara ghal prezz ta' tnax-il elf liri Maltin (Lm12,000) li minnhom Lm3,000 kienu thallsu fuq il-konvenju, filwaqt li s-somma ta' Lm9,000 thallsu permezz ta' loan maghmula mill-partijiet minghand il-Lohombus Corporation.     L-attur xhed li il-loan tal-Lohombus Corporation hallsu kollu hu.

Ghalhekk gialadarba id-data li fiha sehh il-kagun tal-firda da parti tal-konvenuta giet stabbilita bhala l-1 ta' Awissu 1998, id-dhul li l-attur kellu minn tali data 'l quddiem qed jigi dikjarat li kien jappartjeni lill-attur wahdu u mhux lill-komunjoni tal-akkwisti.

Kosegwentement il-Qorti qed tqis li l-loan giet imhallsa minn fondi appartenenti esklussivament lill-attur u mhux lill-komunjoni tal-akkwisti.

Ma ngabitx prova ta' kemm jiswa il-flat illum il-gurnata u lanqas x'kien l-ammont globali imhallas mill-attur fir-rigward tal-hlasijiet rateali lill-bank biex issalda s-self.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti filwaqt li ser tordna l-qasma tal-assi tal-komunjoni billi tordna l-bejgh tal-flat, ser tirrizerva lill-attur id-dritt li jigbor mir-rikavat tal-bejgh mhux biss nofs l-eventwali rikavat tal-prezz qua sehmu mill-proprjeta' izda wkoll ammont ekwivalenti ghal nofs il-hlasijiet kollha li huwa ghamel lill-bank biex jissalda is-self li kien sar sabiex inxtara l-flat de quo.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza bil-mod segwenti:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenuta konsistenti f'abbandun.

2. Tichad it-tieni talba.

3. Tilqa' t-tielet talba, tiddikjara d-data meta l-konvenuta ghandha tkun kunsidrata li hi hatja tal-firda bhala l-1 ta' Awissu 1998 u konsegwentement b'applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap. 16 tiddikjara li l-konvenuta tilfet fil-konfront tal-attur (a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kap.16; (b) dak kollu li kisbet minghand l-attur b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu; u (ċ) kull jedd tal-konvenuta għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-attur wara l-1 ta' Awissu 1998.

4. Tilqa' r-raba' talba, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u ghall-finijiet ta' divizzjoni tordna l-bejgh bis-subbasta tal-flat numru 6 formanti parti minn block ta' flats bl-isem Exodus Flats, fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, b'dan illi nofs ir-rikavat tal-bejgh ghandu jigi assenjat lill-attur u nofs lill-konvenuta. Qed jibqa' rizervat lill-attur id-dritt illi jitlob li jigi mhallas nofs l-ammont ta' pagamenti li l-attur effettwa lill-bank in konnessjoni mas-self konness mal-akkwist tal-flat de quo mir-rikavat tal-bejgh formanti parti sehem il-konvenuta.

Ghall-finijiet tal-bejgh bis-subbasta tinnomina lill-Perit Alan Saliba sabiex jaghmel stima tal-utili dominju temparanju tal-flat de quo bis-soliti fakoltajiet skond il-ligi.

5. Tichad il-hames talba.

6. Tilqa' parzjalment is-sitt talba, b'dan li tawtorizza lill-attur jibqa' jabita fil-flat de quo sa zmien xahar mid-data stabbilita ghall-bejgh bis-subbasta ordnat b'din is-sentenza.

7. Tichad is-seba' talba.

8. Tilqa' t-tmien talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------